# PROGRAMM
# TAL-FESTI SOLENNI
F'GIEH
# IL-MADONNA TAL-GILJU
## Fil-Parrocca tal-Mqabba

MILL-11 SAT-18 ta' MEJJU 1980

★ 1 9 8 0 ★



★ 1 9 8 0 ★

Mahrug: MIS-SOCJETA' TAL-GILJU
MQABBA

SOĊJETA' TAL-ĠILJU
MQABBA
KUMITAT GHAS-SENA 1980

PRESIDENTI ONORARJI
Menu Vella
Saver Abdilla

PRESIDENT
Joe Zammit

V. PRESIDENT
Joe Abdilla

SEGRETARJU
Peter Farrugia

KAXXIER
Benny Briffa

ASS. SEGRETARJU
Benny Dingli

ASS. KAXXIER
Teddy Farrugia

MEMBRI
Victor Abdilla
Salvu Farrugia
John Farrugia
Julio Tanti
Joseph Tonna

DIRETTURI TAL-BANDA
Julio Tanti A.Mus. L.C.M.
Joseph Tonna A. Mus. L.C.M.


## DINITROL RUST PROOFING

To complete the job thoroughly **DINITROL** uses two products.**DINITROL METALIC** used only on the underside of the car and **DINITROL INTOKE** — the thin penetrating product applied mainly to rustproof the top part of the car.

These two products are applied according to a detailed chart and using the most sophisticated equipment.

Each day thousands of vehicles are rustproofed for their owners by the **SWIDISH DINITROL SYSTEM.** The system recommended by most car manufacturers. The result is guaranteed.

DINITROL RUSTPROOFING

F. & A. MAGRI

LUQA BY-PASS **Tel. 29625**

BORD EDITORJALI: Joe Zammit, Benny Briffa u Teddy Farrugia.

Il-Bord Editorjali jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li għenu biex dan il-ktejjeb seta' jseħħ, GRAZZI ĦAFNA.

## mill-Kappillan . . .

Għeżież Imqabbin,

Ġejt mistieden nagħmel ħsieb spiritwali għall-Programm tal-Festa tal-MADONNA TAL-ĠILJU. Billi jiena responsabbli għall-ħajja spiritwali tagħkom jien aċċettajt bil-qalb.

Fil-Litanija, lill-Madonna nagħtuha ħafna titli sbieħ, u wieħed minnhom hu "Omm l-iżjed Safja'. U l-festa li sejrin niċċelebraw proprju f'dan li tfakkarna — is-safa' t'Ommna Marija.

Lill-Madonna nsejjħulha 'Mimlija bil-Grazzja' għax qatt ma dinbet. Hija kienet safja sa mill-ewwel waqt tal-eżistenza tagħha u baqgħet safja għomorha kollu. Kienet pura fil-ħsibijiet, fix-xewqat, fil-kliem u fl-imġieba tagħha.

Fil-parroċċa tagħna għandna x-xorti li ż-żewġ festi prinċipali mhux biss nagħmluhom lill-istess persuna — Ommna Marija, iżda t-tnejn ifakkruna fl-istess ħaġa — il-qdusija tal-ġisem tal-Madonna. Il-Madonna tant kienet safja li ma wirtitx it-tebgħa tad-dnub tan-nisel, għax baqgħet tgħożż din is-safa ħajjietha kollha, ġisimha ma rahx it-taħsir tal-qabar.

Għalhekk il-festa li sejrin nagħmlu lill-Madonna għandha tħeġġiġna biex aħna wkoll ngħożżu l-grazzja tal-Magħmudija li ħelsitna mid-dnub oriġinali, u nibżgħu għas-safa ta' ruħna u l-qdusija ta' ġisimna.

Fl-aħħarnett, nawgura li l-festa li ġejja tħalli l-frott u tagħmel il-ġid. Il-Knisja tagħmel il-festi għat-tlett raġunijiet: (1) biex Alla jieħu ġieħ fl-anġli l-qaddisin kollha tiegħu, (2) biex aħna nitħeġġu fil-fidi tagħna u nersqu għas-sagramenti u (3) biex bħala Komunita' aħna ningħaqdu bejnietna u nifirħu b'mod onest.

Ix-xewqa tiegħi hi li xi darba naslu biex fil-festa, tkun liema tkun, il-parroċċa kollha tersaq għas-sagramenti tal-qrar u t-tqarbin, li l-parroċċa kollha tifraħ u l-festa tgħaddi mingħajr ħadd ma jkollu għalfejn issewwed qalbu.

Diġa' sar ħafna progress f'din il-ħaġa u ta' dan ħafna mill-mertu jmur lill-taż-żewġ Każini li dejjem għenuni biex nedukaw lill-poplu. Għalhekk nirringrazzjahom pubblikament.

Jalla dak li nagħmlu jsir mingħajr esaġerazzjoni, mingħajr piki u mingħajr ma noffendu lil ħadd.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

Dun Anton Vella
Kappillan.

---

## IS-SUR MENU VELLA

Ma tagħdiex sena li s-Sur Menu Vella ma jirregalax xi ħaġa lis-Soċjeta' li hija tant għal qalbu. Sa ftit tas-snin ilu ma kienetx tasal il-Festa li ma kienx jagħti xi tazza tal-fidda biex ifakkar xi avveniment. Iżda min mindu saret l-espansjoni tal-Każin huwa dejjem ta oġġetti utili; i.e. il-Kappella tal-Każin, l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju fil-bitħa tal-Każin, sett t'erba' bandieri, Grand Father Clock, linef u brazzi għas-swali tal-Każin, u din is-sena żewġ Bibien u tieqa tal-Kawba.

F'isem il-Kumitat, Soċi u l-Partitarji nirringrazzjawh għal dak li wettaq għas-Soċjeta' u żgur li ma ninsewh qatt.

## ... U mill-President tas-Socjeta'

Il-Festa tal-MADONNA TAL-GILJU reġgħet magħna. Festa li magħha ġġib ferħ fil-qlub kollha ta' dawk li tassew għandhom għal-qalbhom il-festa tal-Madonna.

Ta min ifakkar li mhux ħaġa ħafifa daqs kemm wieħed jaħseb biex torganizza festa aqwa minn snin oħra. Żgur li ma konniex naslu safejn wasalna li ma kienx għal dawk li b'dedikazjoni kbira u b'sagrifiċċji ntefgħu b'ruħhom u b'ġisimhom għal xogħol kontinwu.

Din is-sena qegħdin naraw l-aħħar fażijiet fil-kostruzjoni tal-Każin tas-Soċjeta' tagħna. Għadd fadal ħafna xi jsir u hemm bżonn ta' aktar fondi biex il-ħolma tagħna ssir realta'. Jekk kulħadd jgħin b'dak li jista', kollox għadd jitlesta. Hawnhekk ta min ifaħħar lis-Sur Menu Vella għal ġenerosita' li wera mas-Soċjeta' sena wara l-oħra, bid-donazzjonijiet tiegħu lis-Soċjeta' ma qatgħu qatt. Menu Vella jibqa' jissemma fl-istorja tas-Soċjeta' bħala l-akbar benefattur tagħha. Jalla jkollna aktar benefatturi bħalu.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nappella lill-partitarji kollha biex f'dawn il-jiem ta' festa ma nħallux l-entużjażmu jiġri bina jew il-ferħ jinbidel f'ġenn. Hwua dmir ta' kull wieħed u waħda minna li nifirħu w inferħu. Ma ninsewx li wara kollox il-festa ssir ad unur il-Madonna. Għalhekk nagħmlu mill-aħjar biex il-festa tkun suċċess.

Fl-aħħarnett nitlobkom tkunu ġenerużi fl-offerti tagħkom għall-ispejjeż tal-Festa. Minn qiegħ qalbi nixtieq il-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha.

Joe Zammit
President.


# LINDA STORE

Mons. P.P. Saydon Str.,
ZURRIEQ.

Prop: Paul Cardona — Tel. 827215

Issibu dak kollu li tigu bzonn fid-dar. Kollox bi prezz moderat u servizz mill-ahjar.

- Tnaqqis Specjali ghal-Hlas fil-Pront
- Hlas bin-Nifs Accettat Ukoll.

# FESTA TAL-MADONNA TAL-GILJU
# 1979

## Rendikont tal-Festa fil-Knisja.

| DĦUL | | £M | c. m |
|---|---|---|---|
| Bilanċ tas-sena l-oħra ... | | 58 | 17, 0 |
| Sbankati mill-Bank ta' San Ġużepp ... | | 5 | 01, 2 |
| Ġbir bl-envelopes ... | | 232. | 70, 0 |
| | TOTAL | 295 | 88, 2 |

| ĦRUĠ | | £M | c. m |
|---|---|---|---|
| Orkestra ... | | 70 | 00, 0 |
| Vuċijiet u Organista ... | | 17 | 50, 0 |
| Punterija (i.e. Saċerdoti, abbatini, etc.,) ... | | 26 | 00, 0 |
| Dawl fil-Knisja ... | | 5 | 50, 0 |
| Damask ... | | 5 | 00, 0 |
| Salib tal-Kleru u Anterni ... | | 6 | 50, 0 |
| Daqq tal-qniepen ... | | 6 | 00, 0 |
| Xama tal-artali etc. ... | | 9 | 95, 0 |
| Trasport għall-Ministri u l-orkestra ... | | 16 | 00, 0 |
| Konfessuri barranin ... | | 6 | 00, 0 |
| Predikatur tat-Tridu ... | | 4 | 00, 0 |
| Saċerdoti barranin filgħodu u filgħaxija ... | | 10 | 00, 0 |
| Fjuri għat-tridu u għall-Festa ... | | 7 | 50, 0 |
| Envelopes u Timbru ... | | 3 | 20, 0 |
| Programmi ... | | 7 | 00, 0 |
| Xorb ... | | 4 | 00, 0 |
| | TOTAL | 204 | 15, 0 |

| | | |
|---|---|---|
| DĦUL | £M295 | 88, 2 |
| ĦRUĠ | £M204 | 15, 0 |
| BILANĊ | £M 91 | 73, 2 |

Dun Anton Vella
Kappillan.


FOR CAR & BUS HIRE

ST. JOSEPH GARAGE

TEL. 826496

Prop: EUGENIO SCIBERRAS & SONS

45, 62, Valletta Road,

MQABBA.

# 1980 FESTA TAL-MADONN

# PROGR

## Funzjonijiet fil-Knisja

**Il-Ħamis, 15 ta' Mejju**

7.00 p.m. Quddiesa Kantata bil-priedka mir-Rev. P. William Axiaq O.F.M. Cap. Wara jkun hemm Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ġimgħa, 16 ta' Mejju**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata.

7.00 p.m. Kollox bħal jum ta' qabel

**Is-Sibt, 17 ta' Mejju — Lejliet il-Festa**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata.

5.30 p.m. Għasar bil-vuċijiet, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Wara jkun hemm Quddiesa bl-Omelija li tkun tgħodd għall-Ħadd.

**Il-Ħadd, 18 ta' Mejju — Jum il-Festa**

5.30 a.m. Quddiesa Parrokkjali

7.00 a.m. Quddiesa Letta.

8.00 a.m. Kant ta' Lawdi

8.30 a.m. Quddiesa Kantata solenni bil-Mużika, fejn wara l-Evanġelju l-Wisq Rev. Kan. Joseph Bonello jinseġ Paneġierku ta' tifħir lil Ommna Marija taħt it-titlu għażiż tal-MADONNA TAL-ĠILJU.

10.30 a.m. Quddiesa Letta.

11.30 a.m. Quddiesa Letta.

* 6.30 p.m. Għasar solenni bil-Mużika. Wara toħroġ il-Purċissjoni bl-istatwa artistika tal-MADONNA TAL-ĠILJU. Mad-dħul tal-Purċissjoni ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

N.B. 1. Lejlet il-Festa kemm filgħodu kif ukoll wara nofsinhar ikun hemm il-Konfessuri barranin għall-Qrar. Inħeġġu lill-Imqabbin kollha biex ma jonqsux li jersqu lejn il-Qrar u t-Tqarbin fil-jiem tal-festa.

2. Il-Mużika fil-jiem tal-Festa tkun taħt id-direzzjoni tal-Maestro di Cappella Frank Diacono. Fl-għasar ta' jum il-Festa jieħu sehem il-Kor tat-tfal ta' Sta. Teresa ta' Bormla.

* N.B. Trasferita għall-Ħadd li wara minħabba l-maltemp.

IL-KAPPILLAN.

Fl-okkażjoni tal-Festa tal-MADONNA TAL-ĠILJU s-SOĊJETA' TAL-ĠILJU ser iżżanżan diversi OPRI ĠODDA.

1. Taraġ tal-irħam maħdum mid-Ditta Halmann (Vella) Tiles Ltd.
2. Żewġ Bibien u Tieqa tal-Kawba maħduma għand Sacco Bros. Woodworks u rregalati mis-Sur Menu Vella.
3. Sett ta' Bandalori u Bandieri għall-erbatax il-Trofej żgħar.
4. Sett ta' erba' brazzi tal-ferrobattuto għal Vara l-Kbira.

Il-Kumitat jixtieq jirringrazzja lil Miss Karmena Mifsud għal ġbir li tagħmel bieb bieb għan-nom tas-Soċjeta' tal-Ġilju.

A TAL-GILJU, MQABBA 1980

RAMM

# FESTI ESTERNI

**Il-Ħadd, 11 ta' Mejju**

11.30 a.m. Ħruġ tal-istatwa tal-MADONNA TAL-ĠILJU minn niċċa. Mal-ħruġ ikun hemm sparar ta' musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti.

8.30 p.m. Mixgħela tal-Faċċata tal-Każin tas-Soċjeta' tal-Ġilju.

**Il-Ħamis, 15 ta' Mejju**

8.00 p.m. Il-Banda LILY tiftaħ il-festi b'marċi brijużi mat-toroq tal-Imqabba. Ikun hemm mixgħela ġenerali.

10.00 p.m. Wara l-marċ ikun hemm ħruq ta' murtali u kaxxa infernali.

**Il-Ġimgħa, 16 ta' Mejju**

8.00 p.m. Il-Banda 'Sta Katerina taż-Żurrieq takkumpanja l-istatwa tal-Madonna b'marċi mat-toroq ewlenin tar-raħal. Mixgħela ġenerali. Malli l-marċ jasal fil-pjazza tindaqq l-Ave Maria u l-istatwa titgħella fuq il-Pedestal.

10.30 p.m. Sparar ta' murtali u kaxxa infernali. Wara jkun hemm logħob tan-tan-nar tal-art fil-pjazza tal-Knisja.

**Is-Sibt, 17 ta' Mejju — Lejliet il-Festa**

7.00 p.m. Waqt l-Ave Maria jkun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernalı u murtaletti.

8.00 p.m. Il-Banda LILY tagħmel marċ minn Triq Sta. Katerina. Wara ssir programm fil-pjazza tal-Knisja. Mixgħela ġenerali.

10.00 p.m. Ħruq ta' murtali tal-Beraq Pront u murtali tal-Kulur.

11.00 p.m. Wirja kbira ta' logħob tan-nar tal-art Mekkanizzat u Artistiku.

**Il-Ħadd, 18 ta' Mejju — Jum il-Festa**

12.30 p.m. Il-Banda LILY tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha mat-toroq ewlenin tar-raħal bis-sehem tal-Partitarji li jakkumpanjaw il-Banda fost entużjażmu kbir.

6.00 p.m. Il-Banda 'Duke of Connaught' ta' B'Kara tagħmel marċ minn Triq il-Parroċċa sal-pjazza tal-Knisja fejn wara tesegwixxi Programm Mużikali.

6.30 p.m. Il-Banda 'Queen Victoria' taż-Żurrieq tagħmel marċ minn Triq Sta. Katerina sal-pjazza tal-Knisja.

7.00 p.m. Wirja ta' murtaletti bil-logħob. Mal-ħruġ tal-istatwa tal-MADONNA TAL-ĠILJU tindaqq l-Ave Maria u hekk kif tasal quddiem il-Każin tas-SOĊJETA' TAL-ĠILJU l-Banda Queen Victoria tesegwixxi 'INNU LIL MADONNA TAL-ĠILJU' versi ta' Dun F. Camilleri u mużika ta' Mro. Jos. Darmanin, Jieħu sehem il-Kor tat-tfajliet ta' l-istess Soċjeta'. Waqt il-Purċissjoni jkun hemm sparar ta' musketterija, kaxxi infernali, murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur u kaxxa tal-Kulur.

*IL-KUMITAT*

# RESTWAR TAL-ARMAR

F'imkien ma ħafna ċerimonji oħra nistgħu ngħidu li l-armar li jintrema fil-jiem tal-Festa fl-irħula tagħna, jiġbed l-attrazzjoni ta' ħafna dilettanti u turisti li jiġu jgawdu l-Festi tagħna.

L-armar tas-Soċjeta' tagħna kien ilu xi snin ma jiġi restawrat. Ir-raġuni prinċipali kienet li l-Kumitat u s-Soċi kienu mitfugħa fuq ix-xogħol tal-bini tal-Każin tas-Soċjeta'. Issa li din il-ħolma saret realta' l-Kumitat ħass il-ħtieġa li minn din is-sena jagħti bidu għar-restawr tal-armar.

Għal dan ix-xogħol daħlu għalih grupp ta' żagħżagħ li mhux biss ħadmu bla ħlas, iżda ġabru l-ispejjeż huma wkoll ħalli ma jitfgħux piż finanzjarju fuq is-Soċjeta'. Il-flus inġabru permezz tal-arbular mingħand is-Soċi w il-Partitarji tas-Soċjeta' u mill-lotteriji li kienu jsiru.

Għal ħabta ta' Settembru 1979 inġarr l-ewwel parti tal-armar mill-maħżen għall-Każin fejn ġie rranġat f'workshop li sar t'apposta. L-ewwel xogħol li sar



kien fuq l-erba' trufini kbar li tnejn minnhom kienu ilhom ma jintremaw għal madwar għoxrin sena. Tant kienu f'kundizzjoni kerha li għall-ewwel qtajna qalbna li narawhom bħall-oħrajn. Iżda b'kapaċita' u ħila kbira ta' dawn iż-żagħżagħ ġew mogħtija libsa ġdida u ħadd ma ried jemmen kif ġew imsewwija peress li kellhom ħafna partijiet imkissra u neqsin. Wara dan ix-xogħol ingħata bidu għar-restawr ta' l-erbagħtax il-Trofej żgħar. Dawn barra li ġew irranġati sarilhom drapp ġdid. Dan kien jinvolvi aktar xogħol peress li l-bandalori ġew impittra. Tant intogħġbu li minn din is-sena ser jibdew jintramaw fil-pjazza, biex b'hekk ikunu jistgħu jitgawdew aktar. Barra dawn ġew restawrati wkoll l-erba' anġli ta' madwar iz-zuntier. L-aħħar xogħol li sar kien fuq il-Vara l-Kbira. Ix-xita li kienet għamlet fil-Festi Ċentinarju, ikkawżat ħsarat kbar kemm fil-pedestal kif ukoll fl-istatwi. Għal din is-sena mal-Vara l-Kbira ser jiżżanżnu erba' brazi, xogħol l-istess żagħżgħ.

Il-biċċa l-kbira tax-xogħol kienet f'idejn iż-żagħżugħ Charlie Camilleri li b'sengħa kbira, irħama l-armar b'kuluri ferm addattati. Huwa ħa ħsieb ipitter l-erbagħtax il-bandalora. Ix-xogħol fuq l-istatwi ħa ħsiebu Tarċisio Dingli li wkoll b'reqqa kbira neħħa partijiet sħaħ mill-istatwi li kienu mmermrin u reġa' ħadiemhom mill-ġdid. Il-ħjata tal-bandieri u tal-bnadar saret kollha mill-aħwa Rita u Carmen Ciantar.

Fl-aħħarnett barra dawn li semmejna hawn fuq nixtiequ nirringrazzjaw lil kull min sammar xi musmar jew bill pinzell fiż-żebgħa. Nixtiequ nirringrazzjaw minn qalbna lis-Soċi u l-Partitarji tas-Soċjeta' tal-Ġilju għal ġenerosita' kbira li wrew magħna meta aħna tlabniehom. Jalla ma dawn iż-żagħżagħ jingħaqdu oħrajn sabiex ix-xogħol tar-restawr tal-armar jitkompla w inkomplu nżidu ma l-armar li għandna biex b'hekk jikber aktar l-isem tas-Soċjeta' tal-Ġilju u tar-raħal tagħna.

## IL-BANDA LILY

Wara sena ta' ħidma bla heda ta' Mro. J. Tonna nistgħu ngħidu li l-Banda LILY reġgħet ħadet il-ħajja mill-ġdid. Fil-Kunċizzjoni assistejna għal-ħruġ ta' ħdax il-bandist ġdid. Bħal issa hemm grupp ta' tnax l-allievi li jinsabu f'stadju avvanzat fit-tagħlim tal-istrument.

Hawn ta' min ifakkar li s-Soċjeta' tal-Ġilju toffri B'XEJN tagħlim fit-teorija u l-prattika tal-Mużika fl-istrumenti kollha tal-Banda. Dawk kollha li jitħajru għandhom ikellmu lil xi ħadd tal-Kumitat.

**SETT TA' MARĊI ĠODDA**
**li ser jindaqqu fil-Festa tal-**
**MADONNA TAL-ĠILJU**
**mill-BANDA LILY**

| | |
|---|---|
| 1. INDEPENDENCE | Mro. J. Tonna A.Mus.L.C.M. |
| 2. MAGNUS | P. Azzopardi. |
| 3. SKY-HIGH | L. Bongailas. |
| 4. 31st MARCH 1979 | A. Coleiro. |
| 5. SONIA | Mro. J. Tonna A.Mus.L.C.M. |
| 6. ROSSETTJANA | J. Vella. |
| 7. HEAVEN | P. Schembri. |
| 8. RED ARROWS | Mro. J. Tanti A.Mus.L.C.M. |

Dawn il-Marċi flimkien ma 'INNU LILL-MADNNA TAL-ĠILJU' xogħol ta' Mro. J. Darmanin u versi ta' Dun F. Camilleri se jinstemgħu fuq Cable Radio 1 nhar il-Festa, 18 ta' Mejju, 1980 fl-10.30 a.m.


**BEECH - NUT**
THE LEADER IN BABY NUTRITION
—— O ——
**CHARLES DARMANIN & CO. LTD.**
**32, ST. PAUL STR., VALLETTA.**

**JAMES GREEN**
UNDERTAKER
Irrikorru: 'Green House' Alley I, St. Catherine Str.,
QRENDI. Tel. 827791




Id-dilettanti tan-nar tas-Soċjeta' tal-Ġilju għal l-okkażżjoni tal-Festa talMadonna tal-Ġilju ħadmu kwantita' ta' nar varjat. Il-Kumitat jirringrazzja lil dawn id-dilettanti li b'sagrifiċċju kbir ħadmu tul is-sena kollha biex jipprovdu spettaklu xieraq f'isem is-Soċjeta' tagħna.


# SINGER

**the practical way to save money**



Available at the Singer Sewing Centres: Valletta; Sliema; Birkirkara; Hamrun; Paola; Cospicua; Zejtun and Victoria, Gozo and from all Dealers.

**SINGER** takes the trouble to save you trouble